# Beati u Qaddisin....Awissu

## San Alfons Marija de Liguori 1ta’ Awissu

Alfonso Marija de Liguori - missjunarju, fundatur tal-Kongregazzjoni tas-Santissimu Redentur, isqof, duttur tal-knijsa, patrun tal-konfessuri u l-moralisti - twieled gewwa Marianella, qrib Napli fis-27 ta' Settembru 1696, u miet f'Pagani gewwa Salerno fl-1 ta' Awissu 1787. Wara li spicca l-istudji tieghu fid-dar, bhat-tfal l-ohra kollha tal-familji nobbli huwa dahal biex jistudja il-ligi fis-sena 1708, fl-Universita ta' Napli fejn iddistingwa ruhu fl-aktar livell gholi fid-dritt civili u ekklesjastiku appenna kellu 17 il-sena. Hwejjeg bhal dawn kienu jintlahqu meta bniedem kien ikollu 21 sena. Huwa kellu success wiehed wara l-iehor gewwa il-qrati Naplitani; imma meta darba wahda hassu deluz minhabba xi ndhil politiku f'kawza ta' importanza kbira, huwa iddecida li jidhol sacerdot.



Kien fil-21 ta' Dicembru 1726 meta gie ordnat sacerdot. Immedjatament svolga il-ministru tieghu fost il-poplu l-aktar abbandunat u li kellu bzonn ta'

ghajnuna spiritwali. Meta ra daqshekk miserja fost l-erwieh ma setghax isib paci u ma kienx joqghod kwiet jekk mhux fil-hidma ta' l-appostolat fost dawn il-fqajrin fir-ruh u spirtu. Huwa ghazel lil jxandar lil Kristu fil-pajjizi madwar il-Vessuvju, matul il-kosta amalfitana, fil-kampanja mxerrda tul il-Pulja u l-Kalabrija fejn il-kleru, ghalkemm numeruz, kien jirrifjuta li jmur.

Is-salvazzjoni ta' dawk l-erwieh kienet il-mira principali tieghu li ghaliha ried jhalli l-energija kollha tieghu u d-doni intelletwali li kien igawdi. Huwa waqqaf istitut missjunarju biex fejn ma jkunx jista' jilhaq hu, jilhqu l-membri tieghu. Il-kongregazzjoni tieghu hija maghrufa bhal dik tar-Redentoristi.

Alfons kien kittieb popolari. Ippublika mija u hdal-il opra li hafna minnhom gew tradotti f'diversi lingwi u li ghadhom jigu stampati sal gurnata tal-lum, l-aktar dawk li ghandhom ix-xehta ta' spiritwalita': Hsibijiet fuq il-Passjoni tas-Sinjur taghna Gesu' Kristu, Tifhir lil Marija, Vizti li Gesu' Sagramentat u lil Marija Ssma, huma xi ftit mill-hidma ta' kitba tieghu. Fis-sena 1274 huwa stampa it-Teologija Morali li ghaliha il-Papa Ljun XIII stqarru bhala l-aktar moralista gharef u distint.

Fis-sena 1762 Alfons gie elett isqof ta' Sant'Agata dei Goti, imma wara 13 il-sena kellu jirrinunzja ghall-kariga minhabba sahhtu. Kien ikkanonizat fis-sena 1839 u dikjarat duttur tal-knisja fis-sena 1871, patrun tal-konfessuri u tal-moralisti fis-sena 1950